# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 26 ta' Gunju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 184/2025JPG**
**Kawza nru.: 42**

**SE**
**vs**
**MB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 10 t'April 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi, il-partijiet iżżewġu nhar it-tmienja u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (28.06.2008) liema att ġie r-reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta permezz taċ-ċertifikat bin-numru ta' reġistrazzjoni 1003/2008 (anness u mmarkat bħala 'Dok SE1');*
2. *Illi, minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, u ċioé TE, imwieled f'X u AE, imwieled f' Y, li huma minuri (ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok SE2' u 'Dok SE3' rispettivament);*
3. *Illi, il-partijiet isseparaw permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Dorian Sciberras datat għaxra ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (10.09.2021) (anness u mmarkat bħala 'Dok SE4')*
4. *Illi, ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet anke għaliex illum il-ġurnata ż-żewġ partijiet għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi l-partijiet ilhom sitt (6) snin jgħixu separatament minn xulxin ;*
6. *Illi, bejn il-partijiet ma hemm ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;*
7. *Illi, permess ta' dawn il-fatti suesposti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent umilent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien li l-istess Qorti jogħġobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieg tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet ossia, dak li jġib in-numru 1003/2008;*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' Ammissjoni tal-intimata MB datata 28 ta' April 2025 vide fol 30, li taqra hekk:

*Illi permezz taghha bil-gurament tiddikjara, illi qed tirregistra n-nuqqas ta' oppozizzjoni taghha ghall-hall taz-zwieg iccelebrat minnha u r-rikorrenti SE, salv illi kull parti tbati l-ispejjez taghha.*

*L-esponenti qed tannetti ma' din ir-risposta l-affidavit taghha a konferma ta' dan.*

*Tant ghandha l-intimata x'tissottometti a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

Rat in-nota ta' SE datat 28 ta' Mejju 2025 , vide fol 32 li permezz taghha ipprezenta l-affidavit tieghu ;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur** xehed permezz tal-affidavit (**Vide Fol 33)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-28 ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni. Iddikjara illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 10 ta' Settembru 2021 fl-atti tan-Nutar Dr Dorian Sciberras; Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata** xehdet permezz tal-affidavit **(Vide Fol 31 )** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux***

***flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Gunju 2008 liema

zwieg jgib certifikat numru 1003/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Dorian Sciberras datat 10 ta' Settembru 2021 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1003/2008, u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**